MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Numru 362/2013

**Il- Pulizja**
**(Spettur Micheal Mallia)**

**Vs**

**Matthew Sciberras**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Matthew Sciberras ta’ 25 sena, iben George u Emanuela nee’ Zammit imwieled Pieta’ fit-2 ta’ Jannar 1988 u residenti fil-fond No.205, ‘Perla House’ F. Buhagiar Street Birkirkara detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 034188M fejn gie akkuzat talli:

Nhar it-12 ta’ April 2013 u fil-jiem ta’ qabel din id-data, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, oggetti gejjin

minn reat ta’ serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37)
Ghaldaqstant filwaqt li qieghed nesebixxi l-fedina penali kif ukoll estratt mill-att tat-twelid ta’ l-imsemmija Matthew Sciberras, nitlob sabiex dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi.

Rat il-verbal tas-Seduta ta’ llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

In vista ta’ dan il-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li issib htija skond l-imputazzjoni kif dedotta.

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta’ piena. L-Ufficjal Prosekutur ghamel referenza ghall-koperazzjoni da parti tal-hati waqt l-investigazzjoni; li l-istess imputat ser ikun xhud tal-Prosekuzzjoni kontra l-persuna li ser tkun imressqa l-Qorti akkuzata bl-allegat serq tal-mobile phone in kwistjoni; li bl-informazzjoni ta’ l-istess imputat il-pulizija waslet ghal min allegatament seraq u ghal mobile phone in kwistjoni. L-Ufficjal Prosekutur stqarr li sa fejn jaf hu, l-imputat mhux xi persuna midhla tal-pulizija.

Id-difensur tal-hati ghamlet enfazi fuq l-ammissjoni bikrija tal-hati, fuq il-fatt li ghandu fedina penali nettissimma, li huwa ghandu impjieg b’mod regolari u li dan il-kaz kien zball u li ghandu jigi ikkonsidrat bhala *a one off case.*

Ghal-mottivi premessi, wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u billi hija tal-fehma li fic-cirkostanzi, piena karcerarja ma hijiex piena idonja u billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-istess Artikolu, tilliberah

bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum.

Il-Qorti fissret lil hati Matthew Sciberras bi kliem li jinftiehem, il-konsegwenzi legali ta' din is-sanzjoni imposta fuqu.

Il-Qorti tordna li, *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-Sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------